Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2009

Numru 751/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Joseph Hearsey**
**Vs**
**Nouha Toure**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nouha Toure ta' 28 sena iben Douda u Mariamu mwieled Bamako Mali fl-1 ta' Jannar 1982 u residenti Hal Far Tent Village, maghruf bhala 07P-012 u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 46985A.**

**Akkuzat talli fid-29 ta' Lulju 2009 bhala persuna illi nizel jew telaq minn Malta, ghamel jew gieghel illi jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni bi ksur ta' l-ARtiklu 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**U iktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ttanta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra bi ksur ta’ l-Artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet, liema ammissjoni l-imputat kien rega kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Ghaldaqstant dawn l-imputazzjoni gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh b’dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta’ l-Artikolu 17H tal-Kap 9 u qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------